Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,248, 24 ta' Mejju, 2024
Taqsima B

A.L. 114 tal-2024

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 65.18.

Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-partita "MS-9" tas-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kiri jew bi ħlas." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kiri jew bi ħlas;" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"MS-10	Tagħmel użu minn jew tinstab fil-pussess ta' Blue Badge li tkun skadiet b'aktar minn tnax (12)-il xahar;	3
MS-11	Tagħmel użu minn jew tinstab fil-pussess ta' Blue Badge ta' detentur mejjet;	3
MS-12	Tagħmel użu minn Blue Badge li ma tkunx għall-użu immedjat tad-detentur kemm jekk bl-għarfien jew permess tad-detentur jew mingħajr l-istess;	3
MS-13	Tagħmel użu minn jew tħalli li tintuża Blue Badge li tkun ġiet irrappurtata meqruda, mitlufa jew misruqa;	3
MS-14	Tagħmel użu minn jew tinstab fil-pussess ta' Blue Badge imbagħbsa, ikkupjata, falsifikata jew mibdula;	3
MS-15	Tiġi murija Blue Badge fuq vettura ta' persuna li ma tkunx intitolata għal Blue Badge;	3

Verżjoni Elettronika

MS-16	Tipparkja jew tħalli vettura waħedha fi spazju apposta għall-parkeġġ mingħajr ma tiġi murija Blue Badge valida.	3".